**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 15/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Bezzina)**

**Vs**

**James Manfrè**

**Illum 8 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' James Manfrè, imwieled il-Pietà nhar l-20 ta' Jannar 1994, iben Gerald Manfrè u Josephine Cacciattolo u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0052094(M), talli fl-10 ta' Jannar 2021, għall-ħabta tal-23:30hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Tas-Sliema:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Luca Emanuel Corito permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, liema ġrieħi huma ta' natura gravi;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew l-kwiet pubbliku;

3. Naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti: (i) tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex il-Qorti (iii) tipprovdi għas-sigurtà ta' Luca Emanuele Corito billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

[1] Fol. 24 u 25 tal-proċess.
[2] Fol. 28 tal-proċess.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 11 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tat-Tabib Dr. Thomas Degiorgio[3] u ta' l-Ispettur Jessica Bezzina[4] mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2021 u rat id-dokument esebit mit-Tabib Dr. Thomas Degiorgio markat Dok. "TD" a fol. 31 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Jessica Bezzina markati Dok. "JB1" sa' Dok. "JB7" a fol. 35 sa' 47 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1390 Antoine Muscat u ta' PC470 Matteo Daga mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Marzu 2021[5] u ta' l-1 ta' Ġunju 2021[6], semgħet ix-xhieda ta' Luca Corito mogħtija waqt is-seduti tas-6 ta' April 2021[7], ta' l-10 ta' Ġunju 2021[8] u ta' l-10 ta' Awwissu 2022[9] u semgħet ix-xhieda ta' Gordon Schembri mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021[10] u x-xhieda ta' Carmel Pace mogħtija waqt is-seduti tas-6 ta' April 2021[11] u ta' l-10 ta' Ġunju 2021[12], semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri[13] u ta' l-Ispettur Jonathan Cassar[14] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2021 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri markata Dok. "MS" a fol. 85 sa' 97 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Joyce Agius, Deputat Registratur fil-Qorti Kriminali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2021[15] u rat id-dokument, ossia l-atti ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 20 ta' Diċembru 2018 u in segwitu varjat b'Digriet datat 15 ta' Frar 2019, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Anthony Dimech[16] u ta' Maria Caruana[17], rappreżentant tal-Caritas, mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2022 u rat id-dokument esebit minn Maria Caruana markat Dok. "MC" a fol. 175 u 176 tal-proċess, semgħet ix-xhiedat ta' Joseph John Edward Zammit mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2022[18] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JZ" a fol. 182 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Glenn Grixti mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022[19] u rat is-Social Inquiry Report minnu mħejji fir-rigward ta' l-imputat markat Dok. "GG" a fol. 191 sa' 216 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Luca Emanuele Corito, datat 22 ta' Jannar 2021[20];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 27 ta' Mejju 2021[21], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[3] Fol. 29 u 30 tal-proċess.
[4] Fol. 32 sa' 34 tal-proċess.
[5] Fol. 58 sa' 61 tal-proċess u fol. 62 u 63 tal-proċess.
[6] Fol. 108 u 109 tal-proċess u fol. 110 u 111 tal-proċess.
[7] Fol. 71 sa' 75 tal-proċess.
[8] Fol. 114 tal-proċess.
[9] Fol. 220 tal-proċess.
[10] Fol. 69 u 70 tal-proċess.
[11] Fol. 76 sa' 81 tal-proċess.
[12] Fol. 115 tal-proċess.
[13] Fol. 83 u 84 tal-proċess.
[14] Fol. 98 u 99 tal-proċess.
[15] Fol. 103 tal-proċess.
[16] Fol. 167 sa' 172 tal-proċess.
[17] Fol. 173 u 174 tal-proċess.
[18] Fol. 180 u 181 tal-proċess.
[19] Fol. 184 sa' 190 tal-proċess.
[20] Fol. 52 tal-proċess.
[21] Fol. 101 tal-proċess.

- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021[22] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li nqraw l-Artikoli u li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża u rat id-Dikjarazzjoni tad-Difensur ta' Luca Emanuele Corrito fis-sens illi fid-dawl tax-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022, f'każ ta' ħtija l-imsemmi Luca Emanuele Corito ma huwiex qed jinsisti li l-imputat jingħata piena karċerarja effettiva u rrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fl-10 ta' Jannar 2021, għall-ħabta tal-23:30hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Tas-Sliema: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Luca Emanuel Corito permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, liema ġrieħi huma ta' natura gravi; (2) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew l-kwiet pubbliku; (3) Naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

B' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 27 ta' Mejju 2021[23], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**Luca Emanuele Corrito**, l-allegat vittma f'dawn il-proċeduri, xehed waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021[24] u ddikjara li fl-10 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 23:00hrs jew 23:30hrs, kien hemm inċident bejnu u James Manfrè, illi huwa għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri, ix-xatt ta' Tas-Sliema quddiem l-istabiliment

[22] Fol. 112 tal-proċess.
[23] Fol. 101 tal-proċess.
[24] Fol. 71 sa' 75 tal-proċess.

Black Gold. Xehed illi *jiena rajt lil James Manfrè f'nofs tat-triq se jinża' l-qmis, ħafna għajjat u jidgħi u kien se jiġġieled ma' xi wieħed f'nofs tat-triq. Rajtu se joħroġ sikkina minn ġol-karozza, ippruvajt inwaqqfu u talli waqqaftu qatagħli subgħaj. Jiena talli qatagħli subgħaj imbuttajtu.* Mistoqsi biex qatalu sebgħu, Luca Corito wieġeb *b'sikkina. … Bħal tal-laħam. … Daqs tal-laħam normali.* Kompla jixhed illi *jiena mbagħad imbuttajtu, talli mbuttajtu waqa' ma' l-art u jiena ma komplejt nagħmel xejn. Kif jiena dawwart wiċċi qam jiġri, qabad is-sikkina u tani żewġ naqqiet. Immarka lejn wiċċi u lejn sidri. Jiena biex ma jolqotnix lejn wiċċi u lejn sidri, jiema lqajthom u laqatni hawn u hawn,* fuq id-drigħ tax-xellug. Luca Corito tenna li dakinhar huwa kien ra lill-imputat jiġġieled man-nies u ħin minnhom rah iġib sikkina mill-karozza u *kien se jmur u jagħti daqqa ta' sikkina lil dak ir-raġel li kien hemm f'nofs tat-triq. … Jiena qbadt is-sikkina u ppruvajt inwaqffu* u tenna li l-imputat dak il-ħin laqtu fuq ir-raba' saba' ta' l-id il-leminija. Wara li Luca Corito imbotta lill-imputat, l-istess imputat qam u f'kliem Corito *ġie għalija u tani żewġ daqqiet ta' sikkina. … Bil-ponta l-isfel u ġie se jagħtini hekk għal wiċċi u għal sidri u jiena lqajthom hekk.* Mistoqsi jekk laqax id-daqqiet b'idejh, huwa wieġeb *eżatt.*

Luca Emanuele Corito ġie muri r-ritratti esebiti mill-Ispettur Jessica Bezzina markati Dok. "JB2" sa' Dok. "JB5" u fir-rigward qal li r-ritratt Dok. "JB5" juri d-daqqa ta' sikkina fid-drigħ minn quddiem, filwaqt li r-ritratt Dok. "JB4" juri d-daqqa ta' sikkina fid-drigħ minn wara. Ir-ritratti Dok. "JB2" u Dok. "JB3" juru l-punti li għamlulu fil-ġrieħi li kellu, liema punti sarulu fil-Polyclinic tal-Furjana fejn mar eżatt wara dan l-inċident. Luca Corito għaraf u kkonferma wkoll iċ-ċertifikat maħruġ mill-Polyclinic tal-Furjana relattiv għall-ġrieħi sofferti minnu. Corito qal ukoll li hu u l-imputat kienu ħbieb u li fil-fatt kien maħsud b'dak li ġara u ma kienx qed jistenna li jiġri hekk bejniethom. Meta reġa' xehed fis-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021[25], **Luca Emanuele Corito** għaraf is-sikkina li ġiet esebita mill-Ispettur Jessica Bezzina bħala Dok. "JB1", bħala s-sikkina li l-imputat uża biex jaggredih.

**Luca Emanuele Cortio** reġa' xehed fis-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022[26] u mistoqsi dwar xi żviluppi kien hemm bejn u l-imputat wieġeb *minn dakinhar għamilna ħbieb u rranġajna l-affarijiet bejnietna u jiena m'għandix iżjed interess fil-każ.* Mistoqsi x'jixtieq jagħmel dwar dan il-każ huwa wieġeb *xejn, jista' jaqa' kollox.*

Dwar l-inċident li seħħ bejn l-imputat u Luca Emanuele Corito xehed ukoll **Carmel Pace**[27] li kien preżenti waqt l-akkadut. Fir-rigward huwa xehed illi dakinhar ta' l-inċident, l-imputat *wasal fil-ħanut Balck Gold u pparkja barra. … Dan qiegħed fi Triq l-Istrand, il-Gżira. Wasal hemmhekk u mill-ewwel kellu xi scuffle mat-tfajla tiegħu u ftit minuti wara jsibuh ġewwa fil-ħanut. Fetaħ l-aluminium għax dak qiegħed imbarrat hekk bl-aluminium u hawn passaġġ hawnhekk u ma tista' iżżomm lil ħadd milli jidħol u joħroġ, però hu għadda mill-aluminium u poġġielhom bilqiegħda biex ma jarawhx. Marru jkellmuh u kien hemm xi nies jafuh u qalulu li jista' joqgħod hawnhekk. Biex naqta' fil-qasir, in-nies bdew jiddejqu bih għaliex beda jqum u jpoġġi, imur minn fuq mejda għal oħra, jibki u jiżfen fin-nofs. … Jien kont già ltqajt miegħu xi darbtejn oħra u mort biex inkellmu bil-kelma t-tajba.*

[25] Fol. 114 tal-proċess.
[26] Fol. 220 tal-proċess.
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-sitta ta' April 2021, fol. 76 sa' 81 tal-proċess.

*Għidtlu biex jikkalma naqra u jmur lura lejn id-dar jistrieħ, ma riedx jisma', poġġa quddiem żewġ koppji, żewġt irġiel u żewġ nisa, ma jafhomx, ma bdewx jieħdu pjaċir bih, kien se jqum argument u erġajt mort inkellmu għedtlu ta' l-aħħar se nerġa' ngħidlek, għidtlu isma minni u mur għaliex qiegħed għajjien, mur strieħ. Bdejt ngħidlu hekk għaliex kien qiegħed xurban mejjet u lanqas għaddew 5 minuti u reġa' qam u għidtlu ejja ħalli nkellmek barra u qalli x'ġara, x'għamilt ħażin? Għidtlu m'għamilt xejn ħażin, għidtlu imma ejja ħalli nkellmek barra. Mort barra u għidtlu isma minni u mur lejn id-dar. Qalli ħa nċempel lill-Pulizija u għidtlu sewwa tagħmel u nsomma qam argument għaliex beda jkellimni ħażin u pruvajt nikkalmah. Dak m'għandux għalfejn ikellimni ħażin lili għaliex jaf x'għamilt għalih jiena miegħu. Ma riedx jisma', qsamtlu t-triq in-naħa l-oħra u f'daqqa waħda kif ġie lura, qabad ġebla u kien se jwaddabha lejn il-ħanut u hemmhekk saqaf m'għandux. Imbagħad bir-remote għalaqna s-saqaf biex il-ġebla ma tiġix fuq in-nies, erġajt mort biex inkellmu, beda jkun aggressiv miegħi u beda jgħidli se npattihielek u għidtlu grazzi ta' kemm għamilt miegħek u kien hemm wieħed raġel fin-nofs li ma nafx min hu u dan prova jikkalmah ukoll u qalli jiena naf lil missieru u għidtlu anke jiena naf lil missieru. Qalli ħa nċempillu u pruvajna nċemplulu. ... Issa qbiżna t-triq u ġejna fuq in-naħat kważi tal-baħar. Dan ir-raġel beda jċempel lil missieru, jiena erġajt mort f'posti, reġa' qabad ġebla oħra, erġajt qsamt għan-naħa l-oħra biex inkellmu, neża' il-qmis b'żaqqu barra, beda jitla' fuq is-central strip u jiftaħ idejh biex jisfida għall-ġlied, in-nies imbagħad beda jitlagħlhom biex imorru għalih, inżomm lin-nies biex ma jmorrux għalih, nipprova inkellmu u nfehmu u tlabtu aktar minn 10 darbiet biex jitlaq lejn id-dar u ma riedx jitlaq. Imbagħad erġajna morna f'postna għaliex dan ir-raġel, kien naqra anzjan, beda jkellmu u għidt forsi jieħu ħsiebu hu u f'daqqa waħda narah min-naħa l-oħra ġej b'sikkina proprjament għalija qisu naħseb, jew għalija jew għan-nies, ma nafx x'beda jagħmel, kellu sikkina twila. ... Is-sikkina qisha ngħidilha jien bħal tal-ħobż, qisha twila daqs tal-ħobż għaliex jiena ħadtielu minn idu u kif jiena kont se naqsam għan-naħa l-oħra, ma nafx minn fejn feġġ dan il-ġuvnott illi għadu kemm ħareġ –* hawn Carmel Pace qed jirreferi għal Luca Emanuele Corito *– kien hemm karozza bajda, tfajla qed issuq, dan il-ġuvnott u dan. Dawn qishom ġew se jiġġieldu, wieħed qisu qiegħed boxing position, dan,* hawn Carmel Pace ddikjara li qed jirreferi għall-imputat - *bis-sikkina u f'ħin minnhom dan qabad u xejjirielhu. ... Dan qabad is-sikkina u xejjirhielu u dak il-ħin ma nafx jekk laqtux jew le jien. Qsamt niġri n-naħa l-oħra u kif jiena rajt id-dmija u hekk, qalli deffisieli f'idejja. Mort għidtlu itlaq is-sikkina minn idejk bdejt nersaq lejh. Qbadt is-sikkina minn fuq u għidtlu isma minni u tiġbidhiex u x'għamel? ta s-salt biex jiġbidieli. Imbagħad ittekiljajtu naqra żgħira għaliha u ħadtielu. Mort fuq is-sinjur l-ieħor, mort biex nara x'għandu u tlabtu biex imur il-polyclinic, dan qabad u rikeb fil-karozza u telaq. ... Is-sikkina daħħaltha miegħi, ngħidlek il-verità dawwartha ġo dan qisu plastic li tgħatti l-ikel, strech and seal, u ħallejtha hemmhekk sakemm nistenna lill-Pulizija.*

In kontro-eżami Carmel Pace tenna li x'ħin l-imputat mar għal Luca Emanuele Corito bis-sikkina, Corito għolla idejh biex jilqa' d-daqqa, żied li *però jiena dak il-ħin ma rajtux illi laqtu, jiena kif ersaqt u ġejt magħhom rajt id-dmija. ... Is-sikkina rajtha dieħla hekk però jiena ma nafx li laqtu jew kif laqtu però jiena rajtu sejjer hekk.* In ri-eżami Carmel Pace ddikjara li f'ħin minnhom huwa dawwar l-attenzjoni tiegħu lura lejn il-Black Gold u ma jistax jgħid eżatt x'ġara dak il-ħin iżda x'ħin reġa' dar iħares lejn l-imputat, ra lill-imputat jagħti bis-sikkina lejn Luca Emanuele Corito

b'Corito jilqa' d-daqqiet b'idejh. **Carmel Pace** xehed ukoll waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021[28] fejn għaraf is-sikkina esebita mill-Ispettur Jessica Bezzina bħala Dok. "JB1" bħala s-sikkina li ntużat fl-inċident bejn l-imputat u Luca Emanuele Corito.

Dwar il-ġrieħi sofferti minn Luca Emanuele Corito xehdu Gordon Schembri, Dr. Thomas Degiorgio u l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri.

**Gordon Schembri**[29], li ma rax l-inċident iseħħ iżda mill-provi rriżulta li mar ma' Luca Emanuele Corito l-Polyclinic tal-Furjana, ikkonferma li r-ritratti tal-ġrieħi u tal-punti fuq Corito esebiti mill-Ispettur Jessica Bezzina markati Dok. "JB2" sa' Dok. "JB5", kien ħadhom hu. **Dr. Thomas Degiorgio**[30] xehed illi kienu hu t-Tabib fil-Polyclinic tal-Furjana li nviżta lil Luca Emanuele Corito fil-11 ta' Jannar 2021 għall-habta ta' 00:30a.m. L-imsemmi Tabib xehed illi *l-vittma kellu 2 feriti fondi. Kellu 2 fl-id tax-xellug u kellu waħda zgħira fl-id tal-lemin* u li l-feriti l-fondi kienu fil-forearm filwaqt li l-ferita ż-żgħira kienet fir-raba' saba' ta' l-id il-leminijia. Xehed ukoll li huwa kien ikklassifika dawn il-ġrieħi bħala ta' natura gravi. Mistoqsi kif setgħu ġraw dawn il-ġrieħi, Dr. Thomas Degiorgio xehed *allegatament huma kienu saru b'daqqa ta' sikkina però kienu jidhru li kienu b'daqqa ta' sikkina mill-forma tagħhom.* L-imsemmi Tabib esebixxa wkoll iċ-ċertifikat minnu maħruġ fir-rigward ta' Luca Emanuele Corito, Dok. "TD" a fol. 31 tal-proċess.

B'Digriet datat 6 ta' April 2021[31], ġie nominat it-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku sabiex jeżamina lil Luca Emanuele Corito u jirrelata dwar il-ġrieħi sofferti minnu u jiddetermina jekk tali ġrieħi kkaġunawx debulizza permanenti fis-saħħa tiegħu jew fil-funzjoni ta' xi parti ta' ġismu jew ġabux difett permanenti f'parti ta' ġismu. Fir-rigward l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri ħejja Rapport, esebit bħala Dok. "MS" a fol. 85 sa' 97 tal-proċess, fejn wara li eżamina lil Luca Emanuele Corito nhar l-20 ta' April 2021 ikkonkluda li: *1. Illi f'Jannar 2021 allegatament seħħ inċident fi Triq ix-Xatt ġewwa Tas-Sliema quddiem il-Balck Gold għall-ħabta tal-11:00p.m. fejn allegatament Luca Corito safa aggredit b'sikkina minn James Manfrè; 2. Illi riżultat ta' din l-aggressjoni Corito spiċċa l-Polyclinic tal-Furjana fejn ġew inseriti xi suturi fuq il-leżjonijiet li ġarrab; 3. Illi ċ-ċikkatriċi deskritta fuq l-aspett laterali tat-tarf t'isfel tad-drigħ ix-xellug kellha sharp partings u kienet riżultat t'inċiżjoni magħmula minn strument li jaqta' u bil-ponta; 4. Illi ċ-ċikkatriċi deskritti madwar din iċ-ċikkatriċi kienu riżultat ta' suturi li ġew inseriti f'din il-ferita; 5. Illi ż-żewġ ċikkatriċi deskritti fuq l-aspett posterjuri ta' l-istess drigħ l-istess kellhom sharp margins u kienu riżultat t'inċiżjonijiet magħmula minn strument li jaqta' u bil-ponta; 6. Illi ċ-ċikkatriċi deskritti madwar dawn l-inċiżjonijiet kienu riżultat tas-suturi li ġew inseriti; 6. Illi dawn il-leżjonijiet kollha hekk deskritti jibqgħu bħala marka permanenti u jidhru sewwa from within talking distance.*

Dak riskontrat u konkluż mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri fir-Relazzjoni tiegħu ġie minnu kkonfermat fix-xhieda li ta fis-seduta tas-27 ta' April 2021[32].

---

[28] Fol. 115 tal-proċess.
[29] Fol. 69 u 70 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2021, fol. 29 u 30 tal-proċess.
[31] Fol. 67 tal-proċess.
[32] Fol. 83 u 84 tal-proċess.

F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll l-Ispettur Jessica Bezzina, l-uffiċjal li investigat dan il-każ, kif ukoll PS1390 Antoine Muscat u PC470 Matteo Daga.

L-**Ispettur Jessica Bezzina**[33] xehdet illi *nhar il-11 ta' Jannar tas-sena 2021, ċertu Gordon Schembri ċempel l-Għassa ta' Tas-Sliema fejn huwa nforma lill-Pulizija li min-naħa tiegħu kien għadu kif assista lill-ħabib tiegħu u ħadu ġewwa l-Floriana Health Centre għax kien għadu kif qala' daqqa ta' sikkina. Il-Pulizija immedjatament marret fuq il-fond Black Gold li huwa sitwat eżatt bieb ma' bieb mal-ħanut Tex Max f'Tas-Sliema, jiġifieri Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, fejn kien hemm ċertu persuna li spjega li kien hemm ġuvnott li kien fi stat ta' sakra u li kien qed joħloq xi argumenti man-nies fl-istabbiliment. Qal ukoll li mbagħad dan il-persuna ġie skortat barra mill-istabbiliment u waqt li kien qiegħed barra, faċċata ta' l-istess stabbiliment, beda jargumenta ma' persuna li kienet għaddejja fit-triq. Imbagħad qalu lill-Pulizija wkoll li dan il-ġuvnott mar ġol-karozza tiegħu, qabad sikkina li kellu fil-karozza tiegħu, mar u ta daqqa b'din is-sikkina lil dan il-ġuvnott l-ieħor. Il-Pulizija l-ewwel ħaġa li għamlu kienet li marru l-Health Centre tal-Furjana fejn ġie mitkellem il-vittma. Il-vittma qal li kien madwar il-23:30hrs allura kien il-ġurnata ta' qabel jiġifieri kienu għadhom l-10 ta' Jannar dak il-ħin, kien qiegħed għaddej minn Triq ix-Xatt, ra lill-ħabib tiegħu li huwa l-imputat, li qiegħed naghraf hawnhekk jiena f'din l-awla, u peress li kien jafu, mar avviċinah għax rah kien qed jargumenta ma' persuna li kienet għaddejja fit-triq. Il-vittma qal ukoll illi pprova jikkalma lill-imputat però dak il-ħin, l-imputat mar ġera lejn il-vettura tiegħu ta' l-għamla Toyota Vitz, ġab sikkina minn din il-vettura u mar lejn il-persuna l-oħra l-maskili. Issa dik il-persuna li kien qed jargumenta miegħu kien laħaq telaq mix-xena u dar fuq il-vittma jiġifieri l-imputat dar fuq il-vittma u tah daqqa ta' sikkina. Imbagħad l-imputat telaq minn fuq ix-xena u l-vittma ċempel lill-ħabib tiegħu biex jgħinu sabiex jassistih sabiex jieħdu l-Polyclinic. Peress illi ovvjament l-identità ta' l-imputat konna nafuha peress illi dawn kienu ħbieb, il-Pulizija rrikorrew fil-post tar-residenza ta' l-imputat ġewwa l-Imsida u arrestaw lill-imputat hemmhekk. Jiena min-naħa tiegħi ġejt infurmata l-għada filgħodu jiġifieri fil-11 ta' Jannar u ovvjament interrogajt lill-imputat dakinhar fl-Għassa ta' Tas-Sliema fejn tajtu d-drittijiet tiegħu u peress illi kien kellem lill-avukt tiegħu ftit qabel il-lock-up, ovvjament konna tkellimna jiena u l-avukat u għidtlu mhux problema, dak il-ħin għażel li m'għandux għalfejn ikollu lill-avukat miegħu waqt l-interrogazzjoni. Huwa ddeċieda li ma jweġibx għall-mistoqsijiet fl-istqarrija però lili qalli li kien fi stat ta' sakra u li meta staqsejtu għalfejn kellu din is-sikkina fil-karozza tiegħu, hu qalli li qed iġorrha hemmhekk għaliex kien qed jibża' minn xi ċertu persuna oħra li kien tah xi xebgħa jew xi daqqa ta' sikkina f'xi inċident fil-passat.*

L-Ispettur Bezzina għaddiet biex tesebixxi: (i) is-sikkina li ntużat fl-inċident – Dok. "JB1"[34]; (ii) ir-ritratti tal-ġrieħi sofferti minn Luca Emanuele Corito u tal-punti li sarulu – Dok. "JB2" sa' Dok. "JB5"[35]; (iii) Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 20 ta' Diċembru 2018 u Digriet ta' varjazzjoni

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2021, fol. 32 sa' 34 tal-proċess.
[34] Esebit Nru. KA 37/2021, fol. 35 tal-proċess.
[35] Fol. 37 sa' 40 tal-proċess.

tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest datat 15 ta' Frar 2019[36]; (iv) rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ – Dok. "JB7" a fol. 43 sa' 47 tal-proċess.

**PS1390 Antoine Muscat**[37] ikkonferma li fl-10 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' nofs il-lejl, ossia qaleb mill-10 ta' Jannar 2021 għall-11 ta' Jannar 2021, ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema kienet daħlet telefonata li kien hemm persuna quddiem ir-restaurants ix-xatt tal-Gzira, li kien qala' daqqa ta' sikkina. Xehed illi dak il-ħin hu, flimkien ma' PC470 Matteo Daga, niżlu fuq il-post biex jaraw x'kien ġara iżda x'ħin waslu fuq il-post ma sabu xejn. Madanakollu ġew avviċinati minn xi nies li infurmawhom li fl-inċident kienet intużat sikkina u din fil-fatt kienet inġabret u ġiet imgeżwra fil-plastic u imbagħad ingħatat lilu. Il-persuna li għaddielu s-sikkina infurmah ukoll li *dan kien hemm argument bejn żewġ ġuvintur, wieħed minnhom kien x'aktarx fi stat ta' sakra u għal xi raġuni qabdu jilletikaw bejniethom. Persuna minnhom, li qala' d-daqqiet ta' sikkina, ħarab speċi naqra minn fuq il-post biex ma jkomplix jaqla' d-daqqiet ta' sikkina u mill-informazzjoni li ksibt infurmawni illi kien ċempel lil xi ħadd jew jiġi minnu jew xi ħadd jafu, ħabib tiegħu, fejn minn hemmhekk ittieħed ġewwa l-Poliklinika tal-Furjana.* Minn hemm PS1390 Antoine Muscat u PC470 Matteo Daga marru l-Polyclinic tal-Furjana fejn sabu lil Luca Emanuele Corito qed jiġi mdewwi għall-ġrieħi li kellu. Dana Luca Emanuele Corito spjegalhom illi *kellu argument ma' ċertu James Manfrè, li qiegħed nagħraf hawnhekk preżenti, rigwardanti mid-dehra kien fi stat ta' sakra u pprova jgħinu imma ma tantx kien ċar fil-kliem tiegħu. Jiena, min-naħa tiegħi, kellimt lil ċertu Gordon Schembri illi kien il-persuna li ġabru mix-xatt tal-Gżira u ħadu l-poliklinika u għidtlu x'ġara u x'ma ġarax biex nara naqra u speċi nieħu iktar informazzjoni fuq li kien ġara. Min-naħa tiegħu hu spjegali illi dan il-ħabib tiegħu kien ċempillu xi għaxar minuti jew kwarta qabel u kien għarfu li kien qala' xi daqqtejn ta' sikkina mingħand ċertu James Manfrè li kif ghidtlek qed nagħraf hawnhekk u talbu l-għajnuna sabiex jieħdu l-ispatr jew il-poliklinika. Min-naħa tiegħu, Gordon ħa lil Corito ġewwa l-klinika biex jiġi mdewwi hemmhekk. Wara li tawni l-informazzjoni biżżejjed biex inkun naf jiena x'ġara u x'ma ġarax u l-isem tal-persuna li x'aktarx tah id-daqqiet ta' sikkina, jiena erġajt ikkonfermajtlu lilu u staqsejtu jekk huwiex ċert illi dan il-persuna kien u għidtlu illi jiena dak il-ħin irrid immur narrestah fuq li ġara. Huwa għarrafni illi kien hu għal darba, tnejn, tlieta u jiena min-naħa tiegħi dak il-ħin ċempilt l-Għassa ta' l-Imsida biex nieħu ċertu informazzjoni rigward James Manfrè. Huma qaluli li jiffirma l-Għassa ta' l-Imsida u dak il-ħin suppost kien qiegħed bir-rinkażar minħabba li għandu xi biċċa xogħol il-Qorti fuq każ ieħor.* Wara li ġabar din l-informazzjoni kollha, PS1390 Antoine Muscat għadda għall-arrest ta' James Manfrè, li effettivament ġie arrestat minn ġewwa d-dar tiegħu.

Fir-rigward tal-feriti ta' Luca Emanuel Corito, PS1390 Antoine Muscat iddikjara li *daqqa minnhom naħseb kien fiha żewġ pulzieri u nofs, id-daqqa ta' sikkina li qala' u kienet tidher li fonda għaliex fil-fatt t-tabib illi nvistah u ħietu qalli li kienet fonda u qalli li għal naqra ma nifditx min-naħa għall-oħra ta' l-id.* Muri r-ritratti esebiti mill-Ispettur Jessica Bezzina markati Dok. "JB2" sa' Dok. "JB5", PS1390 Antoine Muscat iddikjara li *dawn huma l-feriti li kien hemm fuq idejn Corito. Qed nagħrafhom għaliex dakinhar inzertajt lit-tabib qed iħitu allura rajthom dak il-ħin*

[36] Dok. "JB6" a fol. 41 sa' 42 tal-proċess.
[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2021, fol. 58 sa' 61 tal-proċess.

*stess quddiemi.* Ikkonferma wkoll li dawk ir-ritratti kien għaddihom lill-Pulizija Gordon Schembri.

**PC470 Matteo Daga**[38] essenzjalment ikkonferma r-rapport li daħal mingħand Gordon Schembri dwar il-fatt li Luca Emanuele Corito kien għadu kemm qala' daqqiet ta' sikkina u kkonferma wkoll li hu u PS1390 Antoine Muscat l-ewwel niżlu fuq il-post ta' l-akkadut u in segwitu marru l-Polyclinic tal-Furjana fejn hemm sabu lil Luca Emanuel Cortio qed jiddewwa għall-ġrieħi li kellu. PC470 Matteo Daga fir-rigward iddikjara li *kif wasalna hemmhekk kienu għadhom qed jagħmlulu l-punti u qgħadna nistennewh u kif lesta tana ċertifikat ta' ġrieħi ta' natura gravi u qalilna illi kien qiegħed hemmhekk sabiex jikkalma lil James Manfrè u għal xi raġuni ħareġ sikkina u ħebb għalih.* L-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija kkonferma li l-feriti li kellu Luca Emanuele Corito kienu f'idu u kienu piuttost kbar u kellu punti mhux ħażin. Huwa kkonferma wkoll li r-ritratti Dok. "JB2" sa' Dok. "JB5" juri l-feriti li ġarrab Luca Emanuele Corito dakinhar ta' dan l-akkadut. Ikkonferma wkoll li wara li ngħataw l-informazzjoni dwar x'ġara u ma ġarax, hu u s-Surġent PS1390 Antoine Muscat għaddew għall-arrest ta' l-imputat James Manfrè.

Fix-xhieda li taw fis-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2021[39], kemm PS1390 Antoine Muscat kif ukoll PC470 Matteo Daga entrambe kkonfermaw li l-esebit, ossia sikkina, markat Dok. "JB1", kienet is-sikkina li ġiet mgħoddija lilhom dakinhar ta' l-akkadut fejn ġew infurmati li kienet is-sikkina li ntużat fl-inċident li kien għadu kif inqala'.

Xehdu wkoll l-Ispettur Jonathan Cassar u Joyce Agius, Deputat Reġistratur fil-Qorti Kriminali, u dana fir-rigward tad-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 20 ta' Diċembru 2018, kif varjat bid-Digriet datat 15 ta' Frar 2019.

**Joyce Agius**[40] ippreżentat vera fotokopja ta' dan id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 20 ta' Diċembru 2018, kif ukoll tad-Digriet ta' varjazzjoni datat 15 ta' Frar 2019, li flimkien ġew markati bħala Dok. "JA" a fol. 104 sa' 107 tal-proċess, u **l-Ispettur Jonathan Cassar**[41] ikkonferma li d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 20 ta' Diċembru 2018 kien bail conditions li kienu ngħataw mill-Maġistrat Doreen Clarke fil-konfront ta' James Manfrè, li huwa għaraf bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri.

**L-ewwel imputazzjoni:**

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 27 ta' Mejju 2021[42], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 214, 216 u 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvedimenti tal-Liġi jiddisponu illi - Artikolu 214: *Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2021, fol. 62 u 63 tal-proċess.
[39] Fol. 108 u 109 tal-proċess u fol. 110 u 111 tal-proċess.
[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2021, fol. 103 tal-proċess.
[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2021, fol. 98 u 99 tal-proċess.
[42] Fol. 101 tal-proċess.

Artikolu 216: *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa' seba' snin - (a) jek tista' ġġib periklu - (i) tal-ħajja; jew (ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii) ta' difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem; inkella (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż; (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218; (d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu; (e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien. (2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża.* Artikolu 217: *L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa' għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jisplodi jew jaħraq jew li hu korroživ: Iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jisplodi l-piena minima tkun priġunerija għal erba' snin u d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma japplikawx.*

Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Luca Emanuele Corito u ta' Carmel Pace, jirriżulta b'mod ċar li dakinhar ta' l-10 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 23:30hrs, fi Triq ix-Xatt, tas-Sliema, l-imputat effettivament agredixxa lil Luca Emanuele Corito b'sikkina u kkaġunalu ġrieħi f'idu, fir-raba' saba' ta' l-id il-leminija, u fid-drigħ tax-xellug, senjatament ftit 'l fuq mill-minkeb, liema feriti, li jidhru b'mod ċar ħafna fir-ritratti meħuda minn Gordon Schembri u esebiti mill-Ispettur Jessica Bezzina bħala Dok. "JR2" sa' Dok. "JR5" a fol. 37 sa' 40 tal-proċess, kienu piuttost fondi u kienu jirrikjedu l-punti. Fil-fatt Dr. Thoms Degiorgio, li kien it-tabib li dewwa lil Luca Emanuele Corito ġewwa l-Polyclinic tal-Furjana, iddeskriva l-ġrieħi bħala *deep laceration 5cm in length along left upper forearm, deep laceration 6cm in length along left upper arm* u *3cm superficial laceration right fourth finger* u ikklassifikahom bħala ġrieħi ta' natura gravi. Apparte minnhekk l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri, illi eżamina lil Luca Emanuele Corito fil-21 ta' April 2021, ikkonkluda li ċ-ċikatriċi li Luca Emanuele Corito kelllu fuq l-aspett laterali tat-tarf t'isfel tad-drigħ tax-xellug u ċ-ċikatriċi lil l-istess Luca Emanuele Corito kellu fuq l-aspett posterjuri ta' l-istess drigħ li kollha kellhom *sharp margins,* kienu riżultat ta' inċiżjonijiet magħmula minn strument li jaqta' u bil-ponta. Iċ-ċikatriċi l-oħra li kellu madwar dawn l-inċiżjonijiet kienu riżultat tal-punti li sarulu. Ikkonkluda wkoll li *l-lezjonijiet kollha hekk deskritti jibqgħu bħala marka permanenti u jidhru sewwa from within walking distance*.

Minkejja dak li rriżulta mill-provi però din il-Qorti diffiċilment tista' ssib ħtija fl-imputat għar-reat ta' offiża gravi kontemplat fl-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba l-fatt li l-ġrieħi prinċipali li sofra Luca Emanuele Corito u li effettivament ħallew ċikatriċi permanenti u li jidhru sew *from within walking distance* jinsabu fl-upper forearm, ossia kemm kemm 'l fuq mill-minkeb, liema parti però fil-fehma ta' din il-Qorti ma tifformax parti mill-id li hija l-parti tal-ġisem imsemmija fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal finijiet ta' sfreġju. Hawn il-Qorti qed tibbaża ruħha fuq dan il-provvediment tal-Liġi għar-raġuni li l-

Espert Mediku rraviża **marka permanenti** fid-drigħ tax-xellug ta' Corito u mhux debulizza jew difett permanenti f'din il-parti tal-ġisem ta' Corito.

L-id hija dik il-parti tal-ġisem li tiġi taħt il-polz u l-polz fil-fatt jisseparaha mid-drigħ, li appuntu huwa l-parti tal-ġisem li jestendi mill-polz sa' l-ispalla. Id-drigħ a sua volta huwa maqsum fil-*forearm*, il-parti bejn il-minkeb u l-polz, u l-*upper arm,* il-parti mill-minkeb sa' l-ispalla. Huwa evidenti li dawn huma kollha partijiet distinti tal-ġisem uman u b'hekk bl-ebda mod ma tista' l-Qorti tqis li l-isfreġju li sofra Luca Emanuele Corito effettivament seħħ fl-id kif tipprovdi l-Liġi għall-fini tar-reat previst fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Detto ciò però ma hemmx dubju li l-imputat għandu effettivament jinstab ħati tar-reat ta' offiża ħafifa ai termini ta' l-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament taħt is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi - *meta l-offiża* [ħafifa] *issir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa' seba' snin* - in kwantu kjarament l-offiża fuq Luca Emanuele Corito seħħet permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż ai termini ta' l-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.
**It-tieni imputazzjoni:**

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 27 ta' Mejju 2021[43], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min: … (dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.*

Hekk kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deċiża fit-23 ta' Ġunju 1994, *bħala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni ravviżata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali meta jkun hemm egħmil volontarju li minnu nniffsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-egħmil iseħħ, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-eħgmil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-egħmil. … Dan ir-reat javvera ruħu meta hemm dak li fil-Common Law Ingliża kien jissejjah "a breach of the peace".*

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari mix-xhieda ta' Carmel Pace, jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati ta' dan ir-reat. Carmel Pace spjega b'mod ċar l-aġir ta' l-imputat, li, apparte d-diverbju ma' persuna (mhux Luca Emanuele Corito) li kienet qed tipprova tikkalmah u l-inċident ma' Luca Emanuele Corito, anke pprova jwaddab ġebla lejn l-istabbiliment Black Gold waqt li fih kien hemm in-nies. Pace spjega wkoll kif l-aġir ta' l-imputat kien qed joħloq reazzjonijiet fin-nies preżenti li wassaluh biex jinkwieta li l-kwistjoni setgħet tkompli tikber iktar milli già kienet.

[43] Fol. 101 tal-proċess.

Għaldaqstant, il-Qorti ttenni li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u kwiet tal-pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tielet imputazzjoni:**

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 27 ta' Mejju 2021[44], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 579(1) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvedimenti tal-Liġi jiddisponi li: *(1) Jekk l-imputat jew l-akkużat jonqos li jidher għall-ordni ta' l-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li biha tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu: Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-Qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja. (2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentenjn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

Hawn ukoll il-Prosekuzzjoni, bil-provi minnha prodotti, senjatament bix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Cassar u billi ġie esebit id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 20 ta' Diċembru 2018, kif varjat bid-Digriet datat 15 ta' Frar 2019, irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In effetti, apparte l-fatt li l-imputat kiser il-kondizzjoni għall-ħelsien mill-arrest li tipprovdi li tul il-perijodu ta' tali ħelsien mill-arrest huwa ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja, liema ksur seħħ bl-inċident ma' Luca Emanuele Corito, jirriżulta wkoll li huwa kiser il-kondizzjoni tar-rinkażar kif varjata bid-Digriet datat 15 ta' Frar 2019, ai termini ta' liema appuntu huwa kellu jirrinkaża mhux iżjed tard mill-10:00p.m. u ma jerġax joħroġ qabel is-6:00a.m. ta' l-għada filgħodu.

Għaldaqstant l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' ksur tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 20 ta' Diċembru 2018, kif varjat bid-Digriet datat 15 ta' Frar 2019, ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[44] Fol. 101 tal-proċess.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat għandu jinstab ħati iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll: (i) id-dikjarazzjoni ta' Luca Emanuele Corito waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022[45], fejn appuntu ddikjara li llum l-affarijiet bejnu u l-imputat tranġaw u li fil-fatt ma huwiex qed jinsisti ghal piena karċerarja effettiva u jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli; (ii) ix-xhieda ta' Dr. Anthony Dimech u ta' Maria Caruana, rappreżentant tal-Caritas; u (iii) is-Social Inquiry Report imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti u x-xhieda mogħtija minnu.

In kwantu rigwarda d-dikjarazzjoni ta' Luca Emanuele Corito, filwaqt li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li ddikjara li l-affarijiet bejnu u l-imputat tranġaw, tant illi llum mhux qed jinsisti fuq piena karċerarja effettiva, ir-rinunzja tiegħu għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-każ in eżami ma jista' jkollha l-ebda effett u dana billi l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront ta' l-imputat - inkluża l-imputazzjoni li l-imputat kiser il-bon ordni u kwiet pubbliku - huma kollha reati fejn il-Pulizija tista' tmexxi mingħajr kwerela privata ai termini ta' l-Artikolu 543 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigward x-xhieda ta' **Dr. Anthony Dimech**[46], il-Psikjatra li jsegwi lill-imputat, minnha rriżulta li l-imputat għandu diversi problemi, inkluż problemi ta' abbuż ta' droga u alkoħol. In effetti l-imsemmi Dr. Anthony Dimech iddikjara li *jien ilni naf lis-Sur Manfrè qisu minn Novembru tas-sena 2015 u minn dak iż-żmien 'l hawn kont rajtu pjuttost regolari jiġifieri rajtu xi ħdax-il darba, ikkonsulta miegħi. Għandu problemi ta' ansjetà, kien hemm problemi li l-emozzjonijiet ma jkunux f'posthom fil-kuntest ta' użu ta' sustanzi. Emozzjonalment jiġifieri nikkonferma illi jbati ħafna, aħna sfortunatament, il-funzjonijiet eżekuttivi tagħna tal-moħħ huma the mercy of our emotional state. L-emotional state tagħna ovvjament jiddependi minn x'qed jiġri madwarna għax aħna l-ħin kollu qed nirrispondu emozzjonalment għall-affarijiet illi huma ta' xi forma ta' stress għalina u ma' l-użu tas-sustanzi mbagħad ikompli jgerfex dawn l-emozzjonijiet allura ċertu reazzjonijiet emozzjonali jkunu iktar intensi għall-punt li jistgħu jiddistrubaw l-imġieba ta' dak li jkun u kif jiffunzjona fil-ħajja ta' kuljum. ... Hu kien jagħmel perjodi li jagħmel sforz kbir li ma jmissx sustanzi u ħaġa li kienet tolqotni fih kienet li kien jipprova jsib xogħol, li jipprova jissetilja, jagħmel żmien tajjeb imbagħad jew ikollu problemi ta' relazzjonijiet jew problemi oħra u jispiċċa jaqa'. Ġieli anke kien izomm kuntatt maċ-ċentri tar-rijabilitazzjoni tad-droga u hu ukoll għadu żgħir. Meta rajtu l-ewwel darba, waħda mill-affarijiet illi laqtitni kienet li bniedem li kellu ċertu età żgħira kien qed iġorr piz ta' problemi ta' ċertu portata. ... Dawn il-problemi illi huma relatati mal-ħajja tiegħu u d-diffikultajiet illi jkollu fuq ix-xogħol minħabba l-problemi emozzjonali, kumplikazzjonijiet tad-droga eċċ. ... mill-Caritas ikkuntattjawni persuni fuqu u jidher illi hu jżomm kuntatt ma' terapisti tal-Caritas. Ma niftakarx l-aħħar darba li kien daħal f'rijabilitazzjoni imma skond in-noti tiegħi, almenu lejn is-sena 2015, kien għamel perjodu f'ċentru tar-rijabilitazzjoni li kien jiġifieri joqgħod hemm. ... Kif kont qed nghid, aħna l-imġieba tagħna hija,*

[45] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022, fol. 220 tal-proċess.
[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2022, fol. 167 sa' 172 tal-proċess.

*ovvjament tirrifletti d-deċiżjonijiet tagħna. Issa d-deċiżjonijiet tagħna suppost huma bbażati fuq ir-raġuni imma r-raġuni hija kkontaminata minn dawn l-emozzjonijiet li jtaqqluna, li jinterferixxu biex wieħed jipproċessa l-informazzjoni. Anke ċertu funzjonijiet importanti tal-moħħ, dawn il-funzjonijiet eżekuttivi, wieħed minnhom huwa l-kontroll ta' l-impulsi li jiena għandi urge li nagħmel xi ħaġa imma naf li it's inappropriate and I control myself. Meta wieħed ikollu ċertu livell ta' emotional disregulation, din tkun iktar diffiċli u għalhekk nużaw il-medications, medications kif tafu għandhom is-side effects tagħhom, ma jaħdmux l-istess fuq individwi differenti, meta jkun hemm l-użu tas-sustanzi, speċi l-effett tal-mediċini ma jkunx daqskemm wieħed jixtieq eċċ. Jiġifieri hemm ħafna fatturi li jista' jwassal biex wieħed, l-imġieba tiegħu ma tkunx eżatt kif wieħed jixtieq.*

**Maria Caruana**[47], rappreżentant tal-Caritas, xehdet illi *Mr. James Manfrè żamm komunikazzjoni in persona permezz ta' sessjonijiet individwali ta' darba kull ġimgħatjen minn Jannar tas-sena 2021 sas-26 ta' Lulju 2021. Mr. Manfrè żamm kuntatt konsistenti wkoll fix-xahar ta' Novembru tas-sena 2021 imma sfortunatament kien assenti fix-xhur l-oħra. Fejn jirrigwardaw kampjuni ta' l-awrina żamm l-istess konsistenza għax-xahar ta' Novembru iżda kien hemm kampuni ta' l-awrina fix-xhur l-oħra iżda mhux konsistenti, meta ngħidu mhux konsistenti jiġifieri ma jkunux ta' darba f'ġimgħa. Il-fatt illi d-droga ddum fil-ġisem l-iktar massimu ta' 6 ijiem, aħna nippruvaw nieħdu urines ta' darba f'ġimgħa biex ovvjament il-persuna nkinu nafu hux qed juża' jew le. Dati tal-kampjuni tal-awrina li ngħataw fil-bini tal-Caritas taħt superviżjoni ta' staff maskili huma 16-il kampjun fil-perjodu bejn is-6 ta' Jannar tas-sena 2021 u l-4 t'Awwissu tas-sena 2021 imbagħad hemm kampjuni iktar riċenti li huma l-10 ta' Settembru, l-20 ta' Settembru, 4 t'Ottubru, 9 ta' Novembru, 16 ta' Novembru, 23 ta' Novembru u l-aħħar waħda fit-18 ta' Jannar. Kull kampjun irriżulta fin-negattiv għal kull użu ta' sustanzi lleċiti. Jiġifieri prattikament, is-Sur Manfrè jekk iżomm iktar konsistenza fejn jirrigwardjaw sessjonijiet individwali u kampjuni, inkunu iktar ċerti li kif irnexxielu jżomm dawn l-appuntamenti, inkunu iktar ċerti illi kapaċi jżomm konsistenza at least ta' darba f'ġimgħa.*

Fis-Social Inquiry Report[48] imħejji fil-konfront ta' l-imputat, l-**Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti** kkonkluda, u dana wara li għamel diversi konsiderazzjonijiet kemm fir-rigward ta' l-imputat kif ukoll fir-rigward tal-każ in eżami, *James Manfrè ilu snin f'kuntatt mal-Qorti Kriminali u kien segwit minn numru ta' professjonisti li provdewh b'għajnuna ħolistika sabiex ikunu ndirizzati id-diffikultajiet tiegħu. F'dan l-istadju l-Uffiċjal tal-Probation jemmen li l-imsemmi għandu jsegwi l-gwida provduta lilu matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, jiġifieri illi huwa jerġa' jistabilixxi kuntatt mal-Caritas, fejn għandu jattendi appuntamenti b'mod frekwenti mal-keyworker tiegħu u anke jissottometti kampjuni ta' l-urina. Apparti minnhekk, huwa għandu jagħmel ħiltu biex jelimina kuntatti ma' persuni li jabbużaw mill-alkoħol jew sustanzi oħra u dan sabiex tonqos il-possibilità ta' relapse. Tinħass ukoll il-ħtieġa li l-imputat jibqa' jattendi appuntamenti mal-Konsulent Psikjatra u jieħu l-mediċina hekk kif preskritta lilu. L-Uffiċjal sottoskritt jemmen ukoll li James għandu jkompli jgħix ħajja produttiva billi jkun f'impjieg stabbli u dan sabiex huwa jżomm lilu nnifsu okkupat. Dan il-pjan*

[47] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2022, fol. 173 u 174 tal-proċess.
[48] Dok. "GG" fol. 191 sa' 216 tal-proċess.

*ta' kura għandu jgħin lill-imputat biex ikun ħieles mill-alkoħol u sustanzi oħra filwaqt li jkun f'qagħda mentali stabbli. B'konsegwenza ta' hekk tonqos il-probabilità li jikkommetti reati oħra.*

**Decide:**

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 31, 214, 217, 221(1)(2), 338(dd) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-reat ta' offiża ta' natura ħafifa magħmula bi strument li jaqta' jew iniggeż a detriment ta' Luca Emanuele Corito kif ukoll ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu diversi problemi, fosthom problemi ta' abbuż ta' sustanzi u alkohol, kif ukoll problemi emottivi, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-**Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation** għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri

Ai termini ta' l-**Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta** tas-somma ta' elf Euro (€1,000) mis-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) imposta fuq l-imputat bħala depożitu fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 20 ta' Diċembru 2018.

Il-Qorti tosserva li una volta li parti mid-depożitu impost fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 20 ta' Diċembru 2018 qed tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta, sabiex l-imputat ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-Digriet imsemmi u kif varjat b'Digriet datat 15 ta' Frar 2019, wara tali konfiska parzjali tad-depożitu, huwa jkollu jerġa jiddepożita l-ammont hekk konfiskat u jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Peress li l-imputat għandu diversi problemi, fosthom problemi ta' abbuż ta' sustanzi u alkohol, kif ukoll diversi problemi emottivi, il-Qorti tqis li huwa għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza dawn il-problemi u għaldaqstant a tenur ta' l-**Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament** u dana għall-perijodu ta' ħames (5) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet

ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.**

Ai termini ta' l-**Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta** u għall-fini li jinżamm il-bon ordni pubbliku ma' Luca Emanuele Corito, il-Qorti qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' mitt Euro (€100) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-**Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tas-somma ta' €316.70 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[49]. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu fi żmien xahrejn (2) mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas l-imsemmija spejjeż, tista' tiskatta l-proċedura prefissa fl-Artikolu 533(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li l-Qorti, fuq rikors tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, toħroġ Mandat ta' Arrest kontra l-imputat bl-ordni li jinġieb quddiemha, u wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' l-imputat, tibdel l-ammont ta' spejjeż mhux imħallsa fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) jew frazzjoni ta' l-istess, u tibgħat lill-imputat il-ħabs għaż-żmien li joħroġ minn tali kalkolu.

Ai termini ta' l-**Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina esebita mill-Ispettur Jessica Bezzina markata Dok. "JB1".

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[49] Fol. 97 tal-proċess.